# LUIGI BILLION

## Il-Poeta tal-Poeżija Sagra u Patrijottika u Awtur tal-Versi ta' l-"Inno Sliema"

**Tony Terribile**



Meta f'Jannar li għadda Patri Raniero Zammit OFMCap. talabni, biex bħas-soltu nikteb f'dan il-ktieb, urieni x-xewqa li nikteb dwar il-Professur Luigi Billion.

Ngħid is-sew ftit li xejn kont naf dwaru u għalhekk fittixt fid-dizzjunarju ta' Robbie Mifsud Bonnici, iżda hemm sibt biss li dwar il-konnessjoni tiegħu mal-Parroċċa tagħna kienet li għex u miet f'Tas-Sliema fl-1939. Kien ukoll għalliem.

Barra dan kont naf li Billion hu l-awtur tal-versi ta' l-Innu l-Kbir li jitkanta lejlet il-festa f'ġieħ il-Madonna tas-Sacro Cuor. Kont naf ukoll li huwa kiteb il-versi ta' l-innu l-kbir f'ġieħ San Ġorġ għar-Rabat ta' Għawdex. Isem Billion huwa wkoll marbut ma' l-edukazzjoni ta' bosta tfal. L-iskola ta' Billion, fi Triq Rudolph għadha magħrufa sa llum f'Tas-Sliema. Għalhekk nistgħu ngħidu li Luigi Billion kien wieħed mill-pijunieri ta' l-edukazzjoni skolastika f'dawn il-gżejjer.

Ix-xewqa ta' Patri Raniero li nikteb dwar Luigi Billion kienet bħal vleġġa li laqtet lil wieħed mill-ħbieb tiegħi, li ftit wara għogbu jtini pubblikazzjoni ta' Luigi Billion.

Dan il-ktieb 'VOCI INTIME' ġie stampat fl-1928 fl-istamperija ta' San Ġużepp il-Ħamrun. Hu ktieb li jiġbor fih tlett taqsimiet ta' poeżija – sagra, patrijottika u varja. Bosta minnhom għandhom magħhom tifkiriet speċjali. Din il-pubblikazzjoni iddedikaha lil martu Emilia f'għeluq il-ħdax-il sena mill-mewt tagħha.

Biex naqta' ix-xewqa ta' Patri Raniero, iddeċidejt li flimkien naraw dan il-ktieb. Minnu toħroġ il-personalità ta' Luigi Billion.

It-taqsima tal-poeżija sagra, li hi l-itwal waħda, tiftaħ bil-poeżija iddedikata lil Ġesù Redentur, li Luigi Billion kiteb bħala tifkira ta' l-inawgurazzjoni tal-monument f'ġieħ Kristu Sultan fuq l-għolja tal-Virtù fl-1900.

Poeżija oħra li ġġib l-isem 'Pasqua' iddedikaha lis-Sur Fons Maria Galea, li tista' tgħid għex ħajtu kollha f'Tas-Sliema, u benefattur kbir tas-Soċjetà Maltija.



**Il-Professur Luigi Billion.**

Poeżija oħra, 'Cristo Re' il-professur Billion iddedikaha lil Professur Patri Tonin Tonna Barthet, Agostinjan, li fis-snin għoxrin kien wieħed mill-akbar edukaturi tal-kleru Malti.

L-istess kien Monsinjur Injazju Panzavecchia. Għalhekk Luigi Billion iddedikalu l-poeżija 'A Maria Bambina' billi Monsinjur Panzavecchia kien Senglean.

Poeżija oħra sabiħa 'Sovrana di Pace' hi f'ġieħ il-Madonna u Luigi Billion iddedikaha lil Professur Patri Anastasju Cuschieri O.C., il-poeta tal-Madonna.

Poeżija twila b'dsatax-il stanza, Luigi Billion kitibha f'ġieħ il-Madonna tas-Sacro Cuor u ta dan l-isem 'A Nostra Signora del Sacro Cuore'.

Wara din il-poeżija hu kiteb oħra, b'rabta Sliemiża. Hi poeżija f'ġieħ il-Madonna 'Stella Maris' u din iddedikaha li Dun Rafel Capurro, kappillan ta' Stella Maris, fis-snin għoxrin.

Qassis popolari ħafna f'Tas-Sliema ta' sebgħin sena ilu, kien Dun Ġużepp Busietta. F'din il-ġabra ta' poeżiji Luigi Billion iddedikalu l-poeżija 'Lo Scapolare'.

F'din il-ġabra ta' poeżiji nsibu oħra b'rabta mal-parroċċa tagħna u din hi magħrufa bħala 'Inno a Nostra Signora del Sacro Cuore'.

Fl-1921 fil-belt ta' l-Isla ġiet inkurunata l-istatwa ta' Marija Bambina. F'din l-okkażjoni Luigi Billion kiteb poeżija sabiħa u ddedikaha lil Dun Ġużepp Bonanno, li kien il-primiċerju ta' San Filippu ta' l-Isla.

Fl-1922 il-Knisja Universali fakkret għeluq is-700 sena mit-twelid ta' San Duminku. Luigi Billion kiteb poeżija sabiħa għal din l-okkażjoni u ddedikaha lil Professur Patri Daniel Callus Dumnikan.

Meta fl-1924 inġiebet Malta r-relikwija tad-driegħ ta' San Franġisk Saverju, Luigi Billion kiteb poeżija twila ta' tifkira.

L-ewwel taqsima ta' dan il-ktieb tagħlaq b'numru ta' poeżiji li hu kiteb għal Kungress Ewkaristiku ta'

l-1913 u wkoll meta inkixef il-monument ta' Kristu Re fl-1917.

Fit-taqsima ta' poeżiji patrijottiċi niltaqgħu ma' bosta poeżiji li jfakkruna f'episodji differenti mill-istorja ta' dawn il-gżejjer bħal m'hi dik f'ġieħ il-leġġendarju Toni Bajada li Billion iddedikaha lil Provinċjal Patri Tonin Bajada OFM.

Poeżija oħra titkellem dwar l-eroj ta' l-Assedju l-Kbir li hu ddedikaha lil Fortunato Mizzi, politiku Malti magħruf fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin.

Poeżija oħra 'Malta al Mondo' iddedikaha lil Monsinjur Enrico D'Andria, Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dawk iż-żminijiet.

Meta fl-1921 Malta kisbet l-ewwel Kostituzzjoni tagħha, Luigi Billion kiteb il-poeżija 'Per La Nostra Autonomia' u ddedikaha lil Dr. Fortunato Mizzi u lil Sir Filippo Sciberras li kien strumentali fil-għoti tal-Kostituzzjoni.

**Al Molto Reverendo**

**PADRE GUIDO ANNATI O.F.M.**

LETTORE E PARROCO

NELLE SUE NOZZE D'ARGENTO SACERDOTALI

«L'Unto novello a cui, Francesco santo,
Esserti figlio è sacro inclito vanto,
Immacolata serberà la stola,
Come oggi la vestì : con la parola
Semplice e buona schiuderà tesori
D'amor, di fede e di speranza ai cuori :
Padre e Pastor, con instancabil zelo,
Guiderà l'alme—agne dilette—al cielo».

* * *

Così un Angel cantò, per i turchini
Cieli volando, nel mattin più bello
Della tua vita, allor che ai serafini
Stessi invidia recavi, o fraticello.

Cinque lustri volâr ; e in te vegg'io
Avverarsi il presagio, mentre un grido
D'anime echeggia, supplicando Dio
Che i tuoi sudor coroni, o Padre Guido.

LUIGI BILLION.

*Sliema, 26 Luglio 1923.*

**Poeżija li l-Prof. Luigi Billion kiteb b'ġieħ it-tieni Kappillan tal-Parroċċa tagħna, P. Gwido Annati OFM.**


Caro Signor Fred,
Vi accludo qui
l'inno desiderato.
Spero che io abbia
indovinato l'idea di
cotesta benemerita società.
Distinti saluti
Suo Ignazio Maestro
Luigi Billion
Sliema 26 … 1919

**Ittra tal-Prof. Luigi Billion lis-Segretarju tas-Soċjetà, fejn jinfurmah li lesta l-versi ta' l-Innu Sliema għal Mro. Botti.**

F'din il-ġabra ta' poeżiji insibu waħda taħt l-isem 'Melita' li hu ddedikaha lil Dr. Carmelo Mifsud Bonnici (missier il-President) li allura kien Ministru tat-Teżor.

Poeżija oħra patrijottika semmieha 'Alla Nostra Bandiera' u ddedikaha lil Dr. Enrico Mizzi li dak iż-żmien kien Ministru ta' l-Industrija u Kummerċ.

Meta fl-1915 l-Arċisqof Dom Mauro Caruana O.S.B. inħatar Arċisqof ta' Malta, Luigi Billion kitiblu poeżija ta' merħba f'isem il-poplu Malti.

Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin l-Isqof Angelo Portelli O.P. kien il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta, Luigi Billion kitiblu poeżija li fiha faħħar it-talenti u l-ħidma ta' dan l-isqof Dumnikan.

Poeżija oħra li kiteb Luigi Billion tfakkar il-ħamsa u għoxrin sena ta' l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Patri Guido Annati OFM li kien it-tieni kappillan tal-parroċċa tagħna fis-snin għoxrin.

Meta wieħed jaqra dawn il-poeżiji li rajna flimkien wieħed mill-ewwel jinduna bis-sentimenti nobbli li bihom kien imżejjen Luigi Billion.

Fihom jidher kemm Luigi Billion kien bniedem konvint mit-twemmin tiegħu, u kemm kien bniedem li fil-vini tiegħi kellu demm Malti u patrijottiku.

Il-Parroċċa tagħna, għalhekk għandha għax tkun kburija li fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu numru ta' kitbiet li għandhom rabta sħiħa magħna.

Fl-aħħarnett hu ta' unur kbir għalina li l-innu tal-Banda tas-Soċjetà Filarmonika 'Sliema' huwa wkoll xogħol tal-Prof. Luigi Billion. Ta' min iżid li, wara l-aħħar gwerra, dan l-"Inno Sliema" ġie maqlub bil-Malti minn Dun Frans Camilleri.